**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali** **Santa Venera**

# Laqgħa Nru. 61/2016

**Data:** 5 ta' Diċembru 2016

**Hin:** 6.30 pm

**Post:** Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is Sur Gianluca Falzon | | Ambaxxatur taż Żgħażagħ |
| Assenti: | Hadd | | |

---

## AĠENDA

### 1. Talba

Is-Sindku nforma lill-Membri li s-Sur Carabott huwa skużat peress li huwa msiefer filwaqt li is-Sur Gianluca Falzon jinsab indispost minħabba impenji oħra.

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il Minuti tas 60 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tas-60 Laqgħa.

2.1.1 Minuta 3.1 titneħħa il-kelma "l-ebda"

2.1.2 Minuta 9.1 jitneħħa n-numru "4"

2.1.3 Minuta 9.3 titneħħa l-kelma "nofrma" u ssir "nforma"

### 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 3.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita' b'risq l-ALS saret u kienet ta' suċċess. Waqt din l-istess attivita' inġabret is-somma ta'€1,000 li marret b'risq l-istess assoċjazzjoni sabiex tkompli b'riċerki fuq din il-kundizzjoni ta' saħħa.

3.2 Minuta 7(a) - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Gvern Ċentrali ħa l-inizzjattiva u żied l-allokazzjoni lill-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant iż-żieda fl-allokazzjoni għall-Kunsill Lokali ta Santa Venera ser tkun ta madwar €50,000 li ser jiġu utilizzati f'dan il-mod; €20,000 f'servizzi kuntrattwali, u €30,000 fi spiża kapitali u l-budget ġie emendat f'dan is-sens.

Is-Sindku ppropona din il-proposta u kien issekondat mis-Sur Silvio Vella filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament. F'dan ir-rigward l-Accoutant ser jiġi avżat sabiex il-bagit jiġi emendat skond l-allokazzjoni miżjuda.

3.3 Minuta 4.1 – Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill infurmana li trid issir applikazzjoni mal-PA sabiex jitpoġġew dawn il-kennels għall-qtates. F'dan ir-rigward is-Sindku ippropona sabiex il-Kunsill japplika sabiex ikollna l-permessi meħtieġa.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.4 Minuta 7(c) Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jaqra r-rapport tal-Aġġudikazzjoni. Ġie moqri r-rapport tal-aġġudikazzjoni tal-għażla ta' Accountant fejn intefgħu 8 applikazzjonijiet. It-tmien offerti kienu validi skont ir-rekwiżiti mitluba. Wara li l-offerenti kollha kienu analizzati, l-Bord tal-Aġġudikazzjoni iddeċieda li kollha kienu tajbin u għalhekk intgħażel l-irħas offerant. Għaldaqstant l-għażla waqgħet fuq it-tender ta' D Consulta Ltd li kienet għall-prezz ta' €2,880.

Is-Sindku ppropona dan ir-rapport filwaqt li is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku u l-membri kollha preżenti vvutaw favur din il-proposta.

Fis-6.45pm wasal is-Sur Horace Anastasi u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

3.5 Minuta 9.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li inġabru l-kwotazzjonijiet dwar il-bollards tal-plastic li jridu jsiru taħt l-arkati tal-akkwadott. Mit-tlett kwotazzjonijiet li kienu mingħand Koptasin, Parkwell u Grima & Sons irriżulta li l-irħas kwotazzjoni hija tal-Parkwell. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex ikunu ordnati 8 bollards u jiġu nstallati bi prova u 'il quddiem jinxtraw il-kumplament.

Is-Sindku ppropona filwaqt li l-Kunsillier Silvio Vella ssekonda lis-Sindku, bil-Kunsillier Horace Anastasi rrimarka li għandu jsir aktar infurzar mill-pulizija. Is-Sindku nfurmah li deċiżjoni dwar ix-xiri ta' dawn kienet ilha li ttieħdet iżda propju llum ridna niddeċiedu dwar min ser nagħżlu. Il-kumplament tal-membri qablu dwar dan.

3.6 Minuta 9.4 – Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jibgħat kopja tal-ftehim li ser isir lill-Kunsilliera sabiex l-istess dokument ikun deċiż fil-laqgħa li jmiss.

## 4. Korrispondenza

Ma kien hemm l-ebda korrispondenza partikolari.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreġuti.

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 162 sa lment numru 177.

| | |
|---|---|
| 162 | Contracts Manager |
| 163 | LESA/Pulizija |
| 164 | Contracts Manager |
| 165 | Haddiema Assenjati |
| 166 | Tmur kontra l-policies ta Transport Malta |
| 167 | Ħaddiema assenjati billi jagħmlu strippi suwed |
| 168 | Haddiema Assenjati |
| 169 | Contracts Manager |
| 170 | Contracts Manager |
| 171 | Ħaddiema Assenjati |
| 172 | Issir mal-ftehim il-ġdid |
| 173 | Issir mal-ftehim il-ġdid |
| 174 | Haddiema Assenjati |
| 175 | Applikazzjoni Enemalta |
| 176 | Ma tistax issir |
| 177 | Central Asphalt |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### 7(a) Attivitajiet relatati maċ-Ċentinarju tal-Parroċċa

Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li fl-2018 Santa Venera ser tagħlaq 100 sena Parroċċa u għaldaqstant huwa ppjanat li matul 2017 u 2018 isiru diversi attivitajiet fejn uħud minnhom ikunu b'konġunzjoni mal-Kunsill Lokali. Il-ħsieb hu li:

- F'Novembru 2017 issir serata ċentinarja li tinkludi Ġieħ Santa Venera
- F'Diċembru 2017 jittella' Villaġġ tal-Milied bi preparazzjoni għaċ-ċentinarju.
- Fis-7 ta'Jannar, 2018 ser titħawwel siġra fil-Gnien Romeo Romano u titwaħħal lapida kommerattiva
- Fil-25 ta' Jannar 2018 - Quiz għat-tfal.
- Fit-12 ta' Mejju, 2018, lejlet Jum l-Omm isir il-Kunċert ta' Jum l-Omm u Attivita' Kulturali għall-anzjani Vendriżi.

- Fit-23 ta' Settembru, 2018 ser tittella' Wirja ta' ritratti marbuta mal-lokal u mal-Parroċċa u tiġi nawgurata mill-Kunsill Lokali.

  Dawn l-attivitajiet iridu jiġu kkordinati mad-diversi sotto kumitati rispettivi u l-preparamenti għalihom irid isir ferm qabel.

**7(b) Laqgħa Annwali 2016**

Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien ippjanat fis-27 ta' Novembru, 2016 saret il-Laqgħa Pubblika fejn għaliha kien hemm attendenza tajba. Is-Sindku elenka ukoll xi lmenti li qamu matul l-istess laqgħa.

## 8 Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati

Ma ġewx preżentati minuti f'din il-laqgħa.

## 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l- patching fi Triq il-Kbira San Guzepp irid jsir bilfors bil-lejl fuq medda ta tlett ijiem. Għaldaqstant ġie kkunsidrat illi dan ix-xogħol għandu jsir matul il-weekend tal-10 ta' Frar, 2017 b'parti mit-triq tingħalaq mill-lejl tad-9 ta' Frar 2017.

Il-Membri qablu unanimament

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-attivita' li normalment ssir għal żmien il-karnival. Huwa qal li bħal snin preċedenti Leon Promotions qed joffru dan il-programm li jinkludi l-ko-ordinazzjoni kollha, trasport kollu involut, servizz ta' preżentatur, PA system, u anke ko-ordinaturi meħtieġa fuq il-post. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex din l-attivita' ma ssirx għal din is-sena minħabba li mhux qed ikun hemm konkorrenza biżżejjed. Fl-istess diskussjoni tqajjem il-punt sabiex isiru diskussjonijiet mal-Kumitat tal-Festi Nazzjonali sabiex naraw x'possibilta hemm sabiex il-Ħadd tal-Karnival, il-karrijiet jitilqu minn Santa Venera u jibqgħu niżlin lejn il-Ħamrun lejn il-belt Valletta.

9.3 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi l-prezz tal-kunċert tal-Milied tela' minn €310 għal €600. Għaldaqstant is-Sindku ssuġġerixxa li dan il-kunċert għandu jitħassar.

Il-Membri qablu unanimament

9.4 Is-Sindku stieden lill-Membri tal-Kunsill għall-bibita' tal-Milied li ser jagħmel huwa personali fis-sala tal-Kunsill nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru, 2016 f' nofsinhar.

Fis-7.40pm wasal is-Sur Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar, 2017 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
Aġent *Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 9/01/2017